**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 23 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**VS**
**Josianne Grech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Josianne Grech ta' 29 sena, bint John Mary u RoseMary nee' Bezzina mwielda Pieta' fis-26 ta' Frar 1985, residenti 29 Triq A. Cuschieri, Birkirkara, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 164385M;

Talli fit-13 ta' Frar 2015 ghal habta tat-8.00pm u/jew hinijiet wara gewwa Johanne Gardens Hal-Tarxien, f'Rahal Gdid, fil-Furjana u/jew f'dawn il-gzejjer;

1) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Spiridione Zammit, PS 1257 C Ellul, Pc 1191 Jonathan Calleja, PC 1216 S Stellini, PC 663 J. Shriha, PS 15 C utters, PC 885 M Zammit, WPC 62 A Degiorgio, u WPC 275 F Cassar bhala Ufficjali tal-Pulizija

inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mothgija skont il-ligi mill-Awtorita' Kompetenti;

2) Aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamlet ingurji u theddid fuq il-persuni tal-Ispettur Spiridione Zammit, PS 1257 C Ellul, Pc 1191 Jonathan Calleja, PC 1216 S Stellini, PC 663 J. Shriha, PS 15 C utters, PC 885 M Zammit, WPC 62 A Degiorgio, u WPC 275 F Cassar bhala Ufficjali tal-Pulizija nkarigati skont il-ligi minn Servizz Pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3) Aktar talli fl-istess cirkustanzi m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' uhud inkarigati minn servizz pubbliku, u cioe' lill-Ispettur Spiridione Zammit, PS 1257 C Ellul, Pc 1191 Jonathan Calleja, PC 1216 S Stellini, PC 663 J. Shriha, PS 15 C utters, PC 885 M Zammit, WPC 62 A Degiorgio, u WPC 275 F Cassar jew ma hallietx jew fixklet lil dawn waqt li kienu qed jaghmlu dmirijiet taghhom u billi ma halliethomx jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu d-dmirijiet taghhom u billi ma halliethomx jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jista' jaghmlu u billi gabet fix-xejn jew hasret dak li haddiehor ghamel skont il-ligi b'mod li jkun;

4) Aktar talli fl-istess cirkustanzi hebbet ghall-Ispettur Spiridione Zammit, PS 1257 C Ellul, Pc 1191 Jonathan Calleja, PC 1216 S Stellini, PC 663 J. Shriha, PS 15 C utters, PC 885 M Zammit, WPC 62 A Degiorgio, u WPC 275 F Cassar u Amanda Fenech

minn Santa Lucija, Ryan Ellul mill-Gudja u Antonella Ellul mill-Gudja sabiex tingurjahom iddejjaqhom jew taghmillhom hsara;

5) Aktar talli fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' PS 1257 C Ellul, inkarigat minn Servizz Pubbliku, liema ferita ta' natura hafifa skont ma cceritifika Dr Lara Gerada Reg. 3011 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid kif ukoll ikkagunat ferita hafifa lil Amanda Fenech minn Santa Lucija skont kif icceritifika Dr Aldo Fiorini Reg. No. 1453 mic-centru tas-Sahha Rahal Gdid;
6) Aktar talli fl-istess cirkustanzi qabdet u wadbet hwejjeg iebsin kontra n-nies;
7) Ukoll talli fl-istess cirkstanzi ghad li kienet xurbana, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen, jew indicenti, jew ghamlet gesti oxxeni b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offendiet il-morali, l-imgieba jew id-dicenza pubblika;
8) Aktar talli fl-istess cirkustanzi b'mxi mod iehor mhux msemmi band ohra fil-Kodici kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
9) Saret recidiva ai termini tal=Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputata kienet ghamlet rapport fid-data u l-hin indikati li kienet giet aggredita mis-sieheb taghha ftit tal-hin qabel. Meta marru l-Pulizija fuq il-post ma sabu ebda tracca ta' xi incident, u Grech bdiet iggib ruhha differenti maghhom u bdiet tallega li qed tigi msawwta mill-Pulizija. F'dak il-waqt hi harbet minn fuq il-post, u ftit tal-hin wara sabet ruhha fi triq ohra fejn kien hemm laqgha ghall-iscouts u l-genituri taghhom, u wara ftit spiccat biex aggrediet lil xi membri presenti hemm. Wara ftit hin sabuha l-Pulizija u arrestawha, u kif ittiehdet il-klinika xorta baqghet iggib ruhha hazin hafna mal-membri tal-Pulizija u mat-tobba, sa ma spiccat titressaq il-Qorti fuq dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti l-Qorti ftit li xejn ghandha x'tikkonsidra. Il-provi huma kollha univoci u juru mgieba assolutament inkorregibbli mill-imputata. Il-fatti ta' dan il-kaz kollha jmorru favur it-tezi tal-Prosekuzzjoni. L-imputata ghazlet li ma tixhedx in difesa, u allura dawn il-provi ma gew kontradetti b'ebda mod, anzi jikkorroboraw lil xulxin. Fl-istqarrija taghha hi tipprova titfa t-tort kollu tal-incident fuq il-Pulizija, haga li, fil-fehma tal-Qorti, ma tista qatt tirrisulta.

Ghahekk il-Qorti ser issibha hatja u tghaddi ghas-sentenza fil-konfront taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 17, 31, 96(a), 95, 338(ee), 339(d), 214, 215, 221(1), 339(b), 339(e), 338(bb), 338(dd), 383, 384, 385, 387, 49, 50, 579(1)(2)(3)(4) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**